

**Avviż dwar pożizzjoni battala u stabbiliment ta' lista ta' riserva
għall-kariga ta' Kap tal-Amministrazzjoni u l-Finanzi (TA-AD9)
fl-Uffiċċju tal-BEREC**

Ref. BEREC/2015/02

Pubblikazzjoni	Esterna
Titlu tal-kariga	Maniġer Amministrattiv tal-Uffiċċju tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (L-Uffiċċju tal-BEREC)
Direttorat Ġenerali (DĠ) tal-orijini	DĠ CONNECT - Id-Direttorat Ġenerali għan-Netwerks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija (Brussell)
Il-Kummissarju/i Responsabbli	Is-Sur Günther Oettinger (Ekonomija u Soċjetà Diġitali)

L-Uffiċċju tal-BEREC

L-Uffiċċju tal-BEREC ġie stabbilit sabiex jipprovdi appoġġ amministrattiv u professjonali lill-BEREC, il-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi. L-Uffiċċju tal-BEREC jinsab f'Riga, il-Latvja.

Il-BEREC huwa magħmul minn Bord ta' Regolaturi li jikkonsisti mill-Kapijiet tat-28 awtorità regolatorja nazzjonali (ARN). Il-BEREC jipprovdi konsulenza lill-Kummissjoni Ewropea u lill-ARN u jassisti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni tal-qafas regolatorju tal-UE għall-komunikazzjonijiet elettroniċi. Fuq kollox, il-BEREC jgħin sabiex jiżgura l-kompetizzjoni ġusta u l-konsistenza tar-regolamenti fis-suq intern għall-komunikazzjonijiet elettroniċi billi jipprovdi pariri minn esperti dwar definizzjonijiet tas-suq, analiżi u rimedji, definizzjoni ta' swieq transnazzjonali, tilwim transkonfinali u kwistjonijiet ta' numerazzjoni.

L-Uffiċċju tal-BEREC huwa Korp tal-UE li jipprovdi appoġġ professjonali u amministrattiv lill-BEREC. L-Uffiċċju tal-BEREC, b'persunal ta' 28 persuna, huwa mmexxi mill-Maniġer Amministrattiv taħt is-superviżjoni ta' Kumitat għat-Tmexxija magħmul mill-istess kapijiet tat-28 ARN u minn rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea.

L-Uffiċċju tal-BEREC, b'mod partikolari, huwa responsabbli sabiex jiġbor informazzjoni mill-ARN u sabiex jiskambja u jibgħat informazzjoni relatata mar-rwol u mal-kompiti tal-BEREC; li jxerred l-aħjar prattiki regolatorji fost l-ARN; li jassisti lill-President tal-Bord tar-Regolaturi tal-BEREC (il-President tal-Bord) fit-tnejn tax-xogħol tiegħu/tagħha; u li jwaqqaf gruppi ta' ħidma ta' esperti u li jagħtihom appoġġ.

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, il-Kundizzjonijiet tal-impjeg ta' ħaddiema oħrajn tal-Komunitajiet Ewropej u r-regoli adottati b'mod konġunt

mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dawn ir-Regoli tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-impjeg japplikaw għall-persunal tal-Uffiċċju.

Għal iktar tagħrif, jekk jogħġbok, żur is-sit web tal-BEREC: <http://berec.europa.eu/>

II-kariga

Il-Kap tal-Amministrazzjoni u l-Finanzi għandu jikkoordina, jiffaċilita u jimplimenta x-xogħol amministrattiv u finanzjarju tal-Uffiċċju tal-BEREC, waqt li jiżgura li jintlaħqu l-oġġettivi u li r-riżultati mistennija jingħataw fil-ħin. L-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Uffiċċju jridu jkunu konformi mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja soda.

Il-Kap tal-Amministrazzjoni u l-Finanzi għandu jirrapporta lill-Maniġer Amministrattiv. Bħala membru tat-tim ta' tmexxija, il-kandidat magħżul jintalab jikkontribwixxi għad-direzzjoni tal-Uffiċċju tal-BEREC kollu kemm hu u jfassal u jwettaq il-programm ta' ħidma. Barra minn hekk, jista' jiġi ddelegat bid-dmir li jirrappreżenta l-aġenzija, b'mod partikolari fil-qasam tal-kollegament ma' korpi ta' verifika.

Bħala l-manjiġer tat-Taqsima tal-Amministrazzjoni u l-Finanzi, il-kandidat magħżul għandu jiżgura li l-Uffiċċju tal-BEREC ikun qiegħed juża servizzi amministrattivi effiċjenti u effikaċi sabiex:

- jipprovdi l-bażi għal ġestjoni xierqa u effiċjenti tar-riżorsi umani;
- jiggarrantixxi ambjent tax-xogħol funzjonali u sikur għall-persunal;
- jistabbilixxi u jżomm ġestjoni finanzjarja soda fl-aġenzija kollha;
- jiżgura l-funzjonament bla xkiel tal-Uffiċċju tal-BEREC fi proċeduri ta' akkwist, fil-komunikazzjoni, fl-organizzazzjoni ta' avvenimenti, fit-tnejn tal-laqqgħat tal-Kumitat ta' Tmexxija u fl-appoġġ għall-attivitajiet tal-President u tal-Viċi Presidenti;
- jimplimenta u japplika l-Istandards ta' Kontroll Intern applikabbli għall-istituzzjonijiet tal-UE.

Il-kandidat magħżul jista' jkun responsabbli għall-kontabilità fl-Uffiċċju tal-BEREC. F'każ li jkun appuntat mill-Kumitat għat-Tmexxija bħala Uffiċjal tal-Kontabilità, għandu jibqa' indipendenti fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tal-kontabilità u jirrapporta direttament lill-Kumitat għat-Tmexxija.

Il-Kap tal-Amministrazzjoni u l-Finanzi għandu wkoll jissostitwixxi lill-Maniġer Amministrattiv fejn ikun meħtieġ, u okkażjonalment jista' jiġi assenjat dmirijiet oħra xierqa għall-grad.

Il-Kap tal-Amministrazzjoni u l-Finanzi għandu jkun ibbażat fl-Uffiċċju tal-BEREC f'Riga, il-Latvja. Jistgħu jkunu previsti missjonijiet barra l-post tax-xogħol.

Is-sit web għal iktar tagħrif: <http://berec.europa.eu/>

Kriterji ta' eliġibbiltà

Il-kandidati jkunu eliġibbli għal din il-proċedura tal-għażla jekk jissodisfaw il-kriterji formali li ġejjin fiż-żmien li fih tagħlaq l-applikazzjoni:

1. Ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u jgawdu d-drittijiet kollha tagħhom bħala ċittadini¹;
2. Ikunu ssodisfaw kwalunkwe obbligu impost mil-liġijiet applikabbli rigward is-servizz militari
3. Ikunu fiżikament kapaċi jwettqu d-doveri relatati ma' din il-kariga²;
4. Il-lingwi: Għarfien profund ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Komunità u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra minn dawn il-lingwi sakemm ikun meħtieġ għall-qadi ta' dmirijiethom.
5. Studji: Ikunu temmew studji universitarji ta' mill-inqas erba' snin, iċċertifikati b'diploma f'qasam li jikkorrispondi man-natura ta' dmirijiethom;

jew

fejn il-perjodu normali tal-istudji universitarji jkun mill-inqas ta' tliet snin, ikunu temmew studji universitarji iċċertifikati b'diploma f'qasam li jikkorrispondi man-natura ta' dmirijiethom, flimkien ma' esperjenza professjonali xierqa ta' mhux inqas minn sena.

6. L-esperjenza professjonali: Mill-inqas 12-il sena ta' esperjenza professjonali (miksuba wara li jkunu ġew issodisfati r-rekwiżiti stipulati fil-punt 5 hawn fuq) f'karigi li jikkorrispondu man-natura tal-kariga, b'tal-anqas f'ames snin minnhom fil-qasam u fil-livell tal-kwalifika meħtieġa.

Il-kriterji tal-għażla

Il-Kap tal-Amministrazzjoni u l-Finanzi sejjer jintgħażel abbażi tal-kriterji li ġejjin:

- Esperjenza ppruvata fil-qasam tal-Finanzi u/jew tal-Amministrazzjoni u/jew tal-Kontabilità;
- Għarfien eċċellenti tar-regoli u r-regolamenti finanzjarji tal-Unjoni Ewropea;
- Għarfien tajjeb tal-kunċett ta' Standards ta' Kontroll Intern;
- Kapaċità ppruvata li jaħdem f'ambjent internazzjonali;
- Fila li jmexxi u jimmotiva grupp f'ambjent Ewropew multikulturali u multilingwi;
- F'iliet ta' orjentament lejn is-servizzi;

¹ Qabel il-ħatra, l-applikanti magħżula se jintalbu jipprovdu ċertifikat maħruġ minn awtorità kompetenti li jiddikjara l-assenza ta' kwalunkwe rekord kriminali;

² Qabel il-ħatra, l-applikanti magħżula se jrin jintalbu jagħmlu eżami mediku biex jiġi żgurat li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 28(e) tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

- Fila li jirrapporta b'manjiera konċiża u persważiva, kemm bil-miktub kif ukoll oralment;
- Għarfien profund tal-Ingliż bħala lingwa operattiva.

Ikun ta' vantaġġ jekk ikollu/ħa:

- Għarfien tal-politika u l-prattika regolatorja rilevanti għall-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u/jew esperjenza f'dan il-kamp;
- Esperjenza professjonali f'kariga ta' tmexxija;
- Edukazzjoni postsekondarja f'qasam relatat mal-finanzi u/jew mal-amministrazzjoni u/jew mal-kontabilità.

Indipendenza u dikjarazzjoni ta' interessi

Il-Kap tal-Amministrazzjoni u l-Finanzi ser ikun mitlub jagħmel dikjarazzjoni ta' impenn li ser jaġixxi b'mod indipendenti fl-interess pubbliku u dikjarazzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe interess li jista' jittqies ta' preġudizzju għall-indipendenza tiegħu/tagħha. L-applikanti jridu jikkonfermaw ir-rieda tagħhom li jagħmlu dan fl-applikazzjoni tagħhom.

Proċedura ta' applikazzjoni

Sabiex l-applikazzjonijiet tagħhom ikunu validi, il-kandidati jridu jippreżentaw:

1. Ittra ta' introduzzjoni li tiġbor fil-qosor ir-raġunijiet għall-applikazzjoni;
2. Curriculum Vitae (CV), idealment abbozzata permezz tal-format tas-CV tal-Europass³;
3. Il-formola ta' applikazzjoni fl-anness.

L-applikanti huma mitluba espliċitament li jenfasizzaw u jagħtu rendikont fil-qosor tal-esperjenza u tal-għarfien espert rilevanti għall-impjieg u d-dati tal-bidu u t-tmiem tal-kuntratti ta' impjieg. L-applikanti huma mistiedna jindikaw, minbarra d-durata tal-istudji, it-tul legali tad-diplomi fil-pussess tagħhom. L-applikazzjonijiet ma jiġux aċċettati jekk id-dokumentazzjoni ma tkunx kompluta jew jekk tiġi sottomessa wara d-data tal-għeluq.

Id-dokumenti ta' prova (eż. kopji ċċertifikati ta' lawrji/diplomi, referenzi, prova tal-esperjenza, eċċ.) ma għandhomx jintbagħtu għalissa iżda jridu jiġu ppreżentati iktar tard fil-proċedura jekk jintalbu.

Sabiex il-proċess tal-għażla jiġi ffaċilitat, kull komunikazzjoni mal-kandidati rigward din il-pożizzjoni battala ser issir bl-Ingliż.

³ Is-CV Ewropea tista' titniżzel mis-sit elettroniku <http://europass.cedefop.europa.eu/htm/index.htm>

L-applikazzjonijiet, preferibbilment bl-Ingliż, għandhom jintbagħtu biss [bil-posta elettronika](#) lil:

recruitment@berec.europa.eu

Ir-referenza (BEREC/2015/02 Kap tal-Amministrazzjoni u l-Finanzi) għandha tkun dejjem indikata fil-linja tas-suġġett tal-ittri elettroniċi.

Il-kandidati huma mitlubin jirrapportaw kwalunkwe bidla fl-indirizz bil-miktub u bla dewmien fl-indirizz elettroniku ta' hawn fuq.

Data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet

L-applikazzjonijiet iridu jintbagħtu bil-posta elettronika. Id-data tal-għeluq hija **15/01/2016 f'nofsinhar, ħin ta' Riga** (11:00 a.m. Ħin tal-Ewropa Ċentrali). L-Aġenzija tirrakkomanda bil-qawwa lill-kandidati li ma jistennewx sal-aħħar ftit jiem qabel id-data tal-għeluq sabiex japplikaw, minħabba li konġestjoni kbira fuq l-internet jew diffikultajiet fil-konnessjoni jistgħu jwasslu għal problemi. Hija r-responsabbiltà unika ta' kull applikant/a li j/tissottometti l-applikazzjoni kompluta tiegħu/tagħha sad-data tal-għeluq. Kwalunkwe informazzjoni jew dokumentazzjoni pprovduta wara d-data tal-għeluq ma tiġix ikkunsidrata.

Stadji fil-proċedura tal-għażla

1. Skrinjar tal-applikazzjonijiet qabel l-għażla

Wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet, il-Kumitat għall-Għażla imwaqqaf għal din il-pożizzjoni mill-Viċi President tal-Kumitat għat-Tmexxija jiċċekkja l-applikazzjonijiet ippreżentati skont il-kundizzjonijiet speċifiċi deskritti fit-taqsimha 'Kriterji ta' eliġibbiltà'. L-applikazzjonijiet li jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet imbagħad jiġu vvalutati skont il-kriterji tal-għażla deskritti fit-taqsimha "Il-kriterji tal-għażla". Il-Kumitat għall-Għażla jivvaluta kull applikazzjoni eliġibbli skont il-kwalifiki, it-taħriġ u l-esperjenza professjonali tal-kandidat fir-rigward tal-profil deskritt f'Il-kariga', kif ukoll il-motivazzjoni tiegħu/tagħha. Il-Kumitat għall-Għażla jevalwa l-applikazzjonijiet u jagħżel dawk il-kandidati li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà u jaqblu l-iktar mal-kriterji tal-għażla rikjesti skont l-avviż dwar pożizzjoni battala. Bejn wieħed u ieħor se jiġu mistiedna seba' kandidati għall-intervista u għat-test bil-miktub.

2. Intervista u test bil-miktub

Malli titlesta l-evalwazzjoni tal-profil, il-Kumitat għall-Għażla jistieden lill-iktar kandidati adatti għall-kariga sabiex joqogħdu għal test bil-miktub u jattendu għal intervista. L-istediniet ikunu bbażati fuq l-ogħla punteġġi miksubin fl-iskrinjar ta' qabel l-għażla, u għadd limitat biss ta' kandidati li jaqbżu ċertu livell limitu jiġu mistednin għall-intervista. Id-dettalji tal-ħin, tad-data u tal-indirizz tal-intervista jiġu kkomunikati lill-kandidati fi żmien propizju.

Il-Kumitat għall-Għażla jivvaluta lill-kandidati mistiedna għat-test bil-miktub u għall-intervista skont il-kriterji tal-għażla deskritti fit-taqsimha 'Il-kriterji tal-għażla'.

It-test bil-miktub ikun bl-Ingliż; ikun relatat mal-impjeg u mfassal sabiex jittestja l-ħila tal-kandidati li jikkomunikaw bl-Ingliż miktub, l-għarfien u l-kompetenzi tagħhom relatati mal-impjeg u l-ħiliet tagħhom fl-abbozzar ta' dokumenti. Punteġġ massimu għat-test bil-miktub: 30. Punteġġ minimu biex wieħed jgħaddi: 20.

L-intervista għandha l-għan li tivvaluta l-idoneità tal-kandidati li jwettqu d-dmirijiet rikjesti u l-għarfien u l-motivazzjoni professjonali tagħhom. L-intervista ssir bl-Ingliż. Punteġġ massimu għall-intervista: 70. Punteġġ minimu biex wieħed jgħaddi: 50.

Il-kontenut tat-test bil-miktub u tal-intervisti jkun stabbilit b'konformità mal-livell u l-profil tal-pożizzjoni rreklamata.

3. Stabbiliment ta' lista ta' riserva u offerta ta' impjeg

Wara r-riżultati tat-test bil-miktub u tal-intervista, il-Kumitat għall-Għażla jipproponi li joffri l-impjeg lil kandidat magħżul. Il-Kumitat għall-Għażla jipproponi wkoll lista mqassra ta' madwar tliet kandidati⁴ magħżulin lill-Kumitat għat-Tmexxija. Il-lista mqassra tqiegħed lill-kandidati f'ordni skont il-mertu. Il-Kumitat għat-Tmexxija jista' jfhejji lista ta' riserva ta' kandidati magħżulin, li tkun valida sa 12-il xahar mid-data meta tiġi stabbilita. Il-validità tagħha tista' tiġi estiża mill-Viċi President tal-Kumitat għat-Tmexxija. L-inklużjoni f'lista ta' riserva ma tiggarrantixxi ebda dritt għal impjeg fl-Uffiċċju tal-BEREC. Barra minn hekk, ir-reklutaġġ ikun soġġett għad-disponibbiltà baġitarja.

Meta l-kariga ta' Kap tal-Amministrazzjoni u l-Finanzi tisfa' battala jew ikun meħtieġ sostitut, il-Viċi President tal-Kumitat għat-Tmexxija jista' joffri l-impjeg lil kandidat mil-lista ta' riserva skont l-ordni tal-mertu.

4. Verifika ta' dokumenti u skrutinju

L-applikazzjoni tal-kandidat magħżul tiġi vverifikata mad-dokumenti ta' prova sabiex jiġu kkonfermati l-eżattezza u l-eliġibbiltà tagħha.

Jekk, f'xi stadju tal-proċedura, jiġi skopert li l-informazzjoni mogħtija f'applikazzjoni ġiet iffalsfikata konxjament, il-kandidat jiġi skwalifikat mill-proċess tal-għażla.

Il-kandidati jiġu skwalifikati wkoll jekk:

- ma jissodisfawx il-kriterji kollha ta' eliġibbiltà;
- ma jipprovdux id-dokumenti kollha ta' prova rikjesti.

5. Kondizzjonijiet tal-impjeg

Il-Kap tal-Amministrazzjoni u l-Finanzi fl-Uffiċċju tal-BEREC jiġi appuntat mill-Awtorità tal-Ħatra bħala aġent temporanju fil-grad A9 skont l-Artikolu 2f tal-Kundizzjonijiet tal-impjeg

⁴ Fejn għadd ta' kandidati jġibu l-istess punteġġ għall-aħħar post disponibbli, dawn jiġu inklużi kollha fil-lista mqassra.

ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej⁵ għal perjodu ta' tliet snin. L-Awtorità tal-Ħatra tista' ġġedded il-kuntratt darba biss għal perjodu fiss ieħor. Tiġdid ulterjuri, mogħti mill-Viċi President tal-Kumitat għat-Tmexxija, ikun għal perjodu indefinit. Il-perjodu tal-ingaġġ fi kwalunkwe każ ma jkunx jeċċedi t-tul tal-ħajja tal-Uffiċċju tal-BEREC.

6. Skeda ta' żmien approssimattiva

Il-proċess tal-għażla jista' jieħdu diversi xhur; tiġi rilaxxata informazzjoni fi tmiem kull stadju.

7. Informazzjoni oħra importanti

Il-kandidati huma mfakkra li l-ħidma tal-Kumitat għall-Ħatra u tal-Kumitat għat-Tmexxija hija kunfidenzjali. L-applikanti ma jistgħux jagħmlu kuntatt dirett jew indirett ma' membri ta' dawn il-kumitati u dan lanqas ma jista' jsir f'isimhom minn xi ħaddieħor. Kwalunkwe ksur ta' din ir-regola jwassal għal skwalifika mill-proċedura tal-għażla.

Opportunitajiet indaq

L-Uffiċċju tal-BEREC iħaddem politika ta' opportunitajiet indaq u ta' nondiskriminazzjoni b'konformità mal-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal.

Protezzjoni tad-dejta personali

L-Uffiċċju tal-BEREC jiżgura li d-dejta personali tal-kandidati tiġi pproċessata kif meħtieġ mir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data⁶.

Talbiet għal informazzjoni u proċeduri tal-appell

Talbiet għal informazzjoni: applikanti li jkunx jixtiequ aktar informazzjoni, jew li jqisu li jkollhom raġuni għal ilment rigward deċiżjoni partikolari, jistgħu, fi kwalunkwe stadju tal-proċedura tal-għażla, jibagħtu ittra elettronika b'talba għal aktar informazzjoni lil recruitment@bereg.europa.eu.

Kandidati li jħossu li sar żball fir-rigward tal-eliġibbiltà jistgħu jitolbu li l-applikazzjoni tagħhom tiġi kkunsidrata mill-ġdid billi jibagħtu, fi żmien 20 ġurnata kalendarja mid-data tal-ittra elettronika li biha ġew infurmati bl-eżitu, talba għal reviżjoni li fiha jikkwotaw in-numru tal-proċedura tal-għażla kkonċernata lill-President tal-Kumitat għall-Għażla fl-indirizz li ġej:

⁵ ĠU 45, 14.6.1962, p. 1385, <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CONSLEG:1962R0031:20140101:MT:PDF>

⁶ (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 - ĠU L 008, 12/01/2001, p. 0001-0022.

L-Uffiċċju tal-BEREC
Riżorsi Umani
Z. A. Meierovica Bulv. 14, 2nd Floor
Riga, LV-1050
IL-LATVJA

Il-Kumitat għall-Għażla jikkunsidra mill-ġdid l-applikazzjoni u jinforma lill-kandidati bid-deċiżjoni tiegħu fi żmien 45 ġurnata kalendarja minn meta jkun irċieva l-ittra.

Jekk il-kandidati jqisu li ntlawtu b'mod negattiv minn deċiżjoni partikolari, jistgħu jressqu ilment skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kundizzjonijiet tal-impjeg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej, fl-indirizz ta' hawn fuq.

L-ilment irid jitressaq fi żmien tliet xhur. Il-limitu ta' żmien sabiex tinbeda din it-tip ta' proċedura jibda minn meta l-kandidati jiġu informati bl-att li jolqothom b'mod negattiv.

Il-kandidati jistgħu jressqu appell ġudizzjarju skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (L-ex Artikolu 236 TEC) u l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej quddiem:

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea
Boulevard Konrad Adenauer
II-LUSSEMBURGU 2925

Id-dettalji ta' kif jitressaq appell jistgħu jinstabu fis-sit web tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea.

http://curia.europa.eu/en/instit/txtdocfr/index_tfp.htm

Huwa possibbli wkoll li jitressaq ilment quddiem l-Ombudsman Ewropew skont l-Artikolu 195(1) tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea u b'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 1994 rigward ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman, ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 113 tal-4 ta' Mejju 1994:

L-Ombudsman Ewropew
1 Avenue du Président Robert Schuman
CS 30403
F - 67001 Strasbourg Cedex
Franza
<http://www.ombudsman.europa.eu>

Jekk jogħġbok, innota li l-ilmenti li jsiru lill-Ombudsman ma għandhom l-ebda effett ta' sospensjoni fuq il-perjodu stabbilit fl-Artikoli 90(2) u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-preżentazzjoni, rispettivament, ta' ilment jew ta' appell quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (l-ex Artikolu 236 TEC).

Jekk jogħġbok, innota wkoll li, skont l-Artikolu 2(4) tal-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman, kwalunkwe ilment imressaq quddiem l-Ombudsman irid ikun ippreċedut bl-approċċi amministrattivi xierqa għand l-istituzzjonijiet u l-korpi kkonċernati. Għaldaqstant, qabel ma jirrikorru għand l-Ombudsman, il-kandidati jridu

jkunu ssottomettew ilment/appell fl-Uffiċċju tal-BEREC u rċevew risposta negattiva mill-Uffiċċju tal-BEREC.

**FORMOLA TA' APPLIKAZZJONI
GĦAL POŻIZZJONI U GĦALL-ISTABBILIMENT TA' LISTA TA' RISERVA
GĦAL KAP TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-FINANZI
FL-UFFIĊĊJU TAL-BEREC
BEREC/2015/02**

1. Kunjom⁷:

2. Isem: Titolu: (eż. Sur, Sa, Dott.)

3. Data tat-twelid: jj/xx/ssss

4. Sess Raġel Mara

5. Indirizz għall-korrispondenza⁸:

Triq, nru, eċċ.:

Kodiċi postali: Belt:

Pajjiż:

Nru tat-Telefown tal-Uffiċċju:

Nru tal-Mowbajl:

Nru tat-Telefown Privat:

Nru tal-Fax:

Indirizz elettroniku: Professionali:

Indirizz elettroniku: Personali:

6. Nazzjonalità:

BE BG CY CZ DK DE EL ES ET FR HR HU IE IT
LT LU LV MT NL AT PL PT RO FI SE SK SV Ir-

7. L-ewwel lawrja universitarja, bit-titlu u d-data tal-għoti:

8. Studji oħra:

9. Għarfien ta' lingwi:

Qiegħed in-numri li ġejjin (1, 2 jew 3) fil-kaxxa jew kaxex xierqa:

1 - lingwa nattivha jew għarfien profond;

⁷ IMPORTANTI: L-applikazzjoni tiegħek ser tiġi rreġistrata taħt dan l-isem. Jekk jogħġbok, użah f'kull korrispondenza. Kwalunkwe isem ieħor (eż. il-kunjom ta' xebba) li jidher fuq diplomi jew ċertifikati ppreżentati ma' din l-applikazzjoni għandu jiġi indikat hawn taħt:

⁸ F'każ ta' xi bidla fl-indirizz, jekk jogħġbok, informa lil: recruitment@berec.europa.eu.

2 - għarfien tajjeb ħafna;

3 - għarfien sodisfaċenti.

BG	CS	DA	DE	EL	MT	ES	ET	FI	FR	GA	HR	HU	IT	LT	LV	MT	NL	PL	PT	RO	SV	SK	SL	

Lingwa/i oħra:

10. Impjegatur attwali (indika jekk taħdimx għal rasek jew intix qiegħed):

Isem	
Indirizz	
Pożizzjoni	
Numru totali ta' persunal	

11. Iġbor fil-qosor l-esperjenza professjonali tiegħek, jekk applikabbli (mass. 200 kelma):

12. Iġbor fil-qosor l-esperjenza Ewropea/internazzjonali tiegħek, jekk applikabbli (mass. 200 kelma)

13. Kwalunkwe rwol ta' sħubija jew affiljazzjoni li għandek f'organizzazzjonijiet/korpi/għaqdiet b'interess potenzjali fil-ħidma tal-BEREC:

14. Interessi jew fatti oħrajn li tqishom pertinenti:

15. Jekk għandek diżabilità rikonoxxuta li teħtieġ xi arranġamenti speċjali fil-kuntest ta' din il-proċedura tal-għażla, jekk jogħġbok, indikaha hawn taħt:
16. Dikjarazzjoni:
 1. Nagħti kelmti li t-tagħrif ipprovdut hawn fuq huwa minnu u sħiħ u li naf li kwalunkwe dikjarazzjoni żbaljata tista' tinvalida l-applikazzjoni tiegħi fi kwalunkwe fażi tal-proċess tal-għażla.
 2. Nagħti kelmti wkoll li:
 - (i) Jien ċittadin(a) ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u li ngawdi d-drittijiet sħaħ tiegħi bħala ċittadin(a);
 - (ii) Issodisfajt kwalunkwe obbligu impost fuqi mil-liġijiet li jikkonċernaw is-servizz militari;
 - (iii) Nissodisfa r-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti;
 3. Nimpenja ruħi li nipprovidi meta mitlub(a) dokumenti li jappoġġjaw l-applikazzjoni tiegħi u naċċetta li nuqqas milli nagħmel dan jista' jinvalida l-applikazzjoni tiegħi;
 4. Nikkonferma li lest(a) nimpenja ruħi li nagħxi b'mod indipendenti fl-interess pubbliku u li nagħmel dikjarazzjonijiet sħaħ dwar kwalunkwe interess dirett jew indirett li jista' jitqies ta' preġudizzju għall-indipendenza tiegħi.

Data u isem:

Sabiex l-applikazzjonijiet tagħhom ikunu validi, il-kandidati jridu jippreżentaw:

1. Ittra ta' introduzzjoni li tiġbor fil-qosor ir-raġunijiet għall-applikazzjoni;
2. Curriculum Vitae (CV) idealment abbozzata permezz tal-format tas-CV tal-Europass⁹;
3. Din il-formola ta' applikazzjoni.

⁹ Is-CV Ewropea tista' titniżżel mis-sit elettroniku <http://europass.cedefop.europa.eu/htm/index.htm>